# KAPITOLU 218

## ATT DWAR L-AVJAZZJONI ĊIVILI (ĊERTIFIKATI TA' OPERATURI TA' L-AJRU)

*Biex jipprovdi għall-ħruġ, tibdil, sospensjoni u tħassir ta' ċertifikati ta' operaturi ta' l-ajru lil kumpanniji li joperaw inġenji ta' l-ajru għall-iskop ta' trasport pubbliku.*

14 ta' Lulju, 1970

*L-ATT XXI ta' l-1970, kif emendat bl-Att LVIII ta' l-1974; bl-Avviż Legali 148 ta' l-1975; bl-Atti X ta' l-1993 u VIII ta' l-2002; u bl-Avviż Legali 411 ta' l-2007.*

TAQSIMA TA' L-ATT


| | | Artikoli |
|---|---|---|
| Taqsima I. | Preliminari | 1-2 |
| Taqsima II. | Għoti ta' Ċertifikat lil Operaturi ta' l-Ajru | 3-11A |
| Taqsima III. | Disposizzjonijiet Mixxellanji | 12-13 |

TAQSIMA I

PRELIMINARI

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Ċertifikati ta' Operaturi ta' l-Ajru).

Tifsir.
*Emendat: X. 1993.2.*

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"Bord" tfisser il-Bord dwar is-Sigurezza ta' l-Avjazzjoni stabbilit skond l-artikolu 9;

"ċertifikat" tfisser ċertifikat ta' operatur ta' l-ajru mogħti taħt l-artikolu 4;

"detentur", dwar ċertifikat, tinkludi d-detentur ta' ċertifikat li jkun ġie mħassar jew sospiż;

"Direttur" tfisser id-Direttur ta' l-Avjazzjoni Ċivili u tinkludi kull persuna delegata minnu bil-miktub;

"ekwipaġġ" tfisser kull persuna impjegata jew ingaġġata fuq inġenju ta' l-ajru u li jkun qiegħed itir fuq xogħol li jkun qed jagħmel f'dak l-istess inġenju;

"ftehim *dry lease*" tfisser ftehim li bih inġenju ta' l-ajru jinkera mingħajr ekwipaġġ mis-sid reġistrat tiegħu lil persuna oħra;

"għaqda ta' persuni" tfisser kumpannija, soċjetà jew korp ieħor ta' persuni, kemm jekk ikollu personalità ġuridika kemm jekk ma jkollux;

"impriża tat-trasport ta' l-ajru" tfisser impriża li x-xogħol jinkludi l-ġarr bl-ajru ta' passiġġieri jew ta' merkanzija b'kiri jew b'kumpens;

"impriża tat-trasport ta' l-ajru estera" tfisser impriża li x-xogħol tagħha jinkludi l-ġarr bl-ajru ta' passiġġieri jew ta' merkanzija bi ħlas jew b'kumpens u li l-post prinċipali tax-xogħol tagħha jkun barra minn Malta;

"kumpens", dwar xi titjira b'inġenju ta' l-ajru, tinkludi kull forma ta' ħlas riċevut jew li għandu jiġi riċevut għal kollox jew f'parti dwar jew in konnessjoni ma' dik it-titjira, tkun minn tkun il-persuna li minnha jew li lilha jkun ingħata jew ikun se jingħata l-kumpens;

"merkanzija" tinkludi valiġġa u annimali;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-avjazzjoni;

"operatur", dwar inġenju ta' l-ajru tfisser il-persuna matul iż-żmien li jkollha t-tmexxija kummerċjali ta' dak l-inġenju ta' l-ajru u espressjonijiet imnisslin minnha għandhom jiftehmu skond hekk;

"persuna" tinkludi għaqda ta' persuni;

"piż totali massimu awtorizzat" dwar inġenju ta' l-ajru tfisser il-piż totali massimu ta' l-inġenju u l-kontenut tiegħu li bih l-inġenju ta' l-ajru jkun jista' jitlaq għal titjira minn kullimkien fid-dinja, fl-iktar ċirkostanzi favorevoli skond iċ-ċertifikat ta' navigabbiltà li

jkun iseħħ dwar l-inġenju;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti magħmula skond dan l-Att.

---

TAQSIMA II

GHOTI TA' ĊERTIFIKAT LIL OPERATURI TA' L-AJRU

Htieġa ta' ċertifikat ta' operatur ta' l-ajru.
*Emendat: VIII. 2002.2.*

**3.** (1) Inġenju ta' l-ajru reġistrat f'Malta ma għandu jtir ebda titjira għall-iskop ta' trasport pubbliku, ħlief taħt u skond il-kondizzjonijiet ta' ċertifikat mogħti lill-operatur ta' l-inġenju ta' l-ajru skond l-artikolu 4 ta' dan l-Att li jiċċertifika li d-detentur taċ-ċertifikat huwa kompetenti li jiżgura li inġenji ta' l-ajru operati minnu fuq titjiriet bħal dawk in kwistjoni jkunu operati b'sigurezza.

(2) (*a*) Inġenju ta' l-ajru li qed itir jitqies għall-finijiet ta' dan l-Att li qed itir għall-iskop ta' trasport pubbliku -

(i) jekk kiri jew kumpens jiġi mogħti jew imwiegħed għall-ġarr ta' passiġġieri jew ta' merkanzija fl-inġenju ta' l-ajru f'dik it-titjira; jew

(ii) jekk xi passiġġieri jew merkanzija jinġarru mingħajr kumpens fl-inġenju ta' l-ajru fuq dik it-titjira minn impriża tat-trasport ta' l-ajru, li ma jkunux persuni fl-impieg ta' l-impriża (inklużi, fil-każ ta' għaqda ta' persuni, id-diretturi tagħha), persuni li bl-awtorità tad-Direttur ikunu qed jagħmlu spezzjon jew ikunu preżenti għal xi taħriġ, prattika jew prova għal kull skop ikun liema jkun, jew merkanzija maħsuba li tiġi wżata minn xi passiġġieri tali jew mill-impriża.

(*b*) Meta bis-saħħa ta' ftehim magħmul minn jew f'isem persuna minn naħa u għaqda ta' persuni jew xi membru tagħha minn naħa l-oħra, xi persuna tinġarr fi, jew tingħata d-dritt li ttajjar inġenju ta' l-ajru f'xi ċirkostanza li kiri jew kumpens kien jitqies li jiġi mogħti jew imwiegħed li kieku l-ftehim kien isir xort'oħra minn kif intqal qabel, kiri jew kumpens għandu, għall-finijiet ta' dan l-Att, jitqies li ngħata.

(3) Inġenju ta' l-ajru jitqies li qiegħed itir mill-mument li fih, wara l-imbarkazzjoni ta' l-ekwipaġġ tiegħu għall-iskop li jitlaq, jiċċaqlaq għall-ewwel darba bil-forza tal-makni tiegħu stess, sal-mument li wara fih jieqaf meta jinżel l-art.

Setgħa għall-ħruġ ta' ċertifikati.
*Emendat: VIII. 2002.3.*

**4.** (1) Id-Direttur għandu jagħti lil kull persuna li tapplika għalih ċertifikat ta' operatur ta' l-ajru jekk ikun sodisfatt li dik il-persuna hija kompetenti, billi jqis b'mod partikolari l-kondotta u l-esperjenza tagħha ta' qabel, it-tagħmir, l-organizzazzjoni, il-persunal, il-manutenzjoni u arranġamenti oħra tagħha biex tiżgura

l-operazzjoni b'sigurezza ta' l-inġenji ta' l-ajru tax-xorta speċifikati fiċ-ċertifikat f'titjiriet tad-deskrizzjoni u għall-iskop hekk speċifikati. Meta d-Direttur ikun qed jivvaluta l-kompetenza ta' persuna biex topera inġenji ta' l-ajru, huwa għandu jqis xi tkun il-kapaċità ta' dik il-persuna biex tilħaq kull ħtieġa ta' sigurezza li tkun applikabbli skond il-liġi biex topera inġenji ta' l-ajru. Iċ-ċertifikat jista' jingħata taħt dawk il-kondizzjonijiet kif id-Direttur jidhirlu xieraq, u bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5, jibqa' jseħħ għal perijodu ta' sena:

Iżda, meta jikkunsidra l-kondotta u l-esperjenza ta' dik il-persuna, id-Direttur jista' jieħu in konsiderazzjoni l-kondotta u esperjenza tal-persunal tiegħu.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-applikant għal ċertifikat ta' operatur ta' l-ajru għandu jipprovdi aċċess sħiħ għal kull dokumentazzjoni, *records*, tagħmir, inġenji ta' l-ajru u faċilitajiet oħra li d-Direttur ikun irid jispezzjona u jeżamina.

Sospensjoni, tħassir, eċċ. ta' ċertifikati.

**5.** Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 6, id-Direttur jista', jekk jidhirlu xieraq, jissospendi jew iħassar kull ċertifikat, u jista' jibdel kull ċertifikat tali kemm jekk tkun saret applikazzjoni għat-tibdil kemm jekk le.

Ċirkostanzi li fihom ċertifikati jistgħu jiġu sospiżi, imħassra jew mibdula.

**6.** Id-Direttur ma għandu jissospendi, iħassar jew jibdel ebda ċertifikat ta' operatur ta' l-ajru, jekk mhux skond applikazzjoni magħmula mid-detentur tiegħu, ħlief jekk -

(*a*) id-Direttur ikun ikkomunika lid-detentur taċ-ċertifikat mhux inqas minn tletin ġurnata qabel id-data li fiha d-direttur fi ħsiebu jissospendi, iħassar jew jibdel iċ-ċertifikat, skond il-każ, avviż bil-miktub li jkun fih fil-qosor partikolaritajiet ta' dak li jipproponi d-Direttur u r-raġuni għal hekk;

(*b*) iż-żmien fuq imsemmi ta' l-avviż ikun skada; u

(*ċ*) id-Direttur ikun ikkonsidra kull sottomissjoni li d-detentur taċ-ċertifikat ikun għamillu bil-miktub qabel ma jkun skada l-imsemmi żmien:

Iżda l-ħtiġiet ta' qabel ta' dan l-artikolu jistgħu ma jiġux imħarsa f'kull każ fejn id-Direttur jiċċertifika li fl-interess tas-sigurezza tan-navigazzjoni ta' l-ajru jkun meħtieġ li t-tħassir, sospensjoni jew tibdil taċ-ċertifikat għandu jsir minnufih.

Notifika tad-deċiżjoni tad-direttur.

**7.** (1) Id-Direttur għandu jinnotifika lill-applikant għal, jew lid-detentur ta', ċertifikat (skond il-każ) b'avviż bil-miktub id-deċiżjoni tiegħu dwar dak iċ-ċertifikat u għandu fi żmien wieħed u għoxrin ġurnata jagħti lill-applikant għal, jew lid-detentur ta', ċertifikat ir-raġunijiet bil-miktub dwar id-deċiżjoni tiegħu -

(*a*) jekk hu jirrifjuta li jagħti ċ-ċertifikat, jew jekk jagħtih taħt kondizzjoni li l-applikant ma jkunx qabel magħha; jew

(*b*) jekk jissospendi, iħassar jew jibdel iċ-ċertifikat mhux skond applikazzjoni tad-detentur.

(2) Il-perijodu ta' wieħed u għoxrin ġurnata msemmi fis-

subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu għandu jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha d-Direttur jinnotifika b’avviż id-deċiżjoni tiegħu lill-applikant għal, jew lid-detentur ta’, ċertifikat, skond il-każ.

Appell.

**8.** (1) Kull applikant għal, jew detentur ta’, ċertifikat ta’ operatur ta’ l-ajru li ma jaqbilx ma’ deċiżjoni tad-Direttur dwar dik l-applikazzjoni jew ċertifikat jista’, f’dak iż-żmien u b’dak il-mod kif jiġi preskritt, jappella lill-Bord.

(2) Appell tali ma għandux jissospendi l-esekuzzjoni tad-deċiżjoni tad-Direttur jekk tkun deċiżjoni li taqa’ taħt l-artikolu 7(1)(*a*) jew jekk tkun deċiżjoni li tolqot xi ħaġa li dwarha d-Direttur ikun għamel ċertifikat għall-iskop tal-*proviso* għall-artikolu 6.

Bord dwar is-Sigurezza ta’ l-Avjazzjoni.
*Emendat: LVIII. 1974.68; A.L. 148 ta’ l-1975; VIII. 2002.4.*

**9.** (1) Għandu jitwaqqaf bord, li jissejjaħ il-Bord dwar is-Sigurezza ta’ l-Avjazzjoni, li għandu jkun kompost minn avukat bi tnax-il sena esperjenza, bħala *chairman* flimkien ma’ żewġ assessuri tekniċi.

(2) Iċ-*chairman* u l-assessuri tekniċi tal-Bord jiġu nominati mill-Prim Ministru minn sena għal sena:

Iżda l-Prim Ministru jista’ jikkonferma kull nomina minn sena għal sena u jista’ jordna, meta jagħmel xi nomina ġdida, illi ċ-*chairman* jew l-assessur li jkun se jispiċċa min-nomina jkompli joqgħod fuq il-Bord dwar xi kwistjoni li jkun ħa konjizzjoni tagħha qabel ma tkun spiċċat in-nomina sakemm dik il-kwistjoni tiġi deċiża.

(3) Il-Prim Ministru jista’ wkoll jagħmel kull nomina meħtieġa sabiex jiġi surrogat iċ-*chairman* jew xi assessur tal-Bord fil-każ li hu, għal xi raġuni, ma jkunx jista’ jesegwixxi l-funzjonijiet tiegħu f’xi każ jew każijiet partikolari.

(4) Iċ-*chairman* jew assessur tal-Bord ma jkunx kompetenti li jieħu konjizzjoni ta’, u jittratta dwar, xi kwistjoni li fiha jkollu nteress dirett jew indirett.

(5) L-assessuri tekniċi tal-Bord għandhom, qabel ma jidħlu fil-kariga tagħhom, jieħdu quddiem l-Avukat Ġenerali l-ġurament li jeżaminaw u jiddeċiedu kull kwistjoni li tinġieb quddiemhom skond id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att b’ekwità u imparzjalità.

(6) Iċ-*chairman* tal-Bord għandu, għall-iskop li jiġbor ix-xhieda u jistabbilixxi l-fatti dwar xi kwistjoni miġjuba quddiem il-Bord, is-setgħat kollha mogħtija mill-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili lill-Qorti Ċivili, Prim’Awla, għall-istess skop dwar kull kwistjoni li tinġieb quddiemha. Kap. 12.

(7) Il-Bord jirregola l-proċeduri tiegħu stess ħlief safejn dawk il-proċeduri jkunu regolati minn regolamenti magħmula taħt l-artikolu 11.

(8) Il-Prim Ministru għandu jinnomina uffiċjal pubbliku biex ikun segretarju tal-Bord.

Pieni.
*Emendat: A.L. 411 ta' l-2007.*

**10.** (1) Meta inġenju ta' l-ajru jittajjar bi ksur ta' l-artikolu 3(1), ikun fejn ikun, l-operatur ta' dak l-inġenju ta' l-ajru u l-membru ta' l-ekwipaġġ ta' titjir maħtur bħala kmandant ta' dak l-inġenju ta' l-ajru mill-operatur tiegħu, jew jekk ma tkunx dik il-persuna, il-persuna li tkun għal dak iż-żmien pilota li tikkmanda dak l-inġenju ta' l-ajru tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab hekk ħatja multa ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) jew priġunerija għal żmien ta' sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Meta inġenju ta' l-ajru jittajjar taħt ċertifikat li hu sospiż, huwa jitqies għall-fini ta' l-aħħar subartikolu qabel dan illi qed jittajjar bi ksur ta' l-artikolu 3(1).

(3) Meta l-operatur ta' l-inġenju ta' l-ajru ikun għaqda ta' persuni u reat kontra d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, isir minn dik l-għaqda, kull persuna li, fiż-żmien li jkun sar ir-reat, tkun direttur, *manager,* segretarju jew uffiċjal ieħor simili ta' dik l-għaqda ta' persuni jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga tkun ħatja ta' dak ir-reat jekk ma tippruvax li dak ir-reat sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li kienet eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat.

Setgħa għall-egħmil ta' regolamenti.

**11.** Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jagħmel u, meta jkun għamel, jibdel jew iħassar regolamenti b'mod ġenerali biex iħaddem kwalunkwe skop ta' dan l-Att u b'mod partikolari biex jipprovdi dwar l-għoti ta' avviż ta' appell, ir-responsabbiltà tal-partijiet dwar l-ispejjeż magħmula in konnessjoni ma' l-appell, il-proċeduri ta' l-appelli u biex jippreskrivi għal kull kariga li għandha tiġi preskritta.

Eżenzjoni lill-impriżi tat-trasport ta' l-ajru mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.
*Miżjud: X. 1993.3.*

**11A.** Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma jgħoddux għal impriża tat-trasport ta' l-ajru estera li tħaddem inġenju ta' l-ajru reġistrat f'Malta permezz ta' ftehim *dry lease* sakemm id-Direttur ikun sodisfatt li matul dan il-perijodu ta' *dry lease* l-impriża tat-trasport ta' l-ajru estera tkun kompetenti li tiżgura li l-inġenju ta' l-ajru jitħaddem mingħajr perikolu.

---

## TAQSIMA III

### DISPOSIZZJONIJIET MIXXELLANJI

Drittijiet.

**12.** Id-Direttur għandu jiġbor dawk id-drittijiet għall-ħruġ ta' ċertifikati kif jistgħu jiġu preskritti.

Notifika ta' dokumenti.

**13.** Għall-finijiet ta' dan l-Att, dokument jista' jiġi notifikat mid-direttur lil xi persuna jew personalment jew billi jintbagħat bil-posta reġistrata fl-indirizz tagħha l-aħħar magħruf tan-negozju jew privat, u għandu fl-aħħar każ, ħlief jekk jiġi pruvat il-kuntrarju, jitqies li ġie notifikat mhux iktar tard mit-tielet jum wara li jkun ġie mpustat, u fil-prova ta' dik in-notifika jkun biżżejjed li wieħed jipprova illi l-ittra li kien fiha d-dokument ġiet indirizzata u impustata kif xieraq.